**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 122/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Josef Mario Friggieri**

**Illum, 7 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Josef Mario Friggieri, detentur tal-karta ta' l-identita 593283M.**
>
> U nakkuzah talli nhar it-02/03/2021 ghal habta ta' 8AM u fis-sieghat u/jew fil-granet u/jew gimghat u/jew xhur ta' qabel gewwa Birzebbugia u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer ta' Malta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lil ommu Mary Dolores Friggieri, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali liema delitt ikkawza offiza psikologika fuqha;

2. Ikkaguna lil ommu Mary Dolores Friggieri, biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha liema delitt ikkawza offiza psikologika fuqha;

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil ommu Mary Dolores Friggieri, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

4. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Mary Dolores Friggieri;

5. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil ommu Mary Dolores Friggieri.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Josef Mario Friggieri a beneficcju ta' Mary Dolores Friggieri u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Mary Dolores Friggieri jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat torbot lil Josef Mario Friggieri b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht

penali ta' somma ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tat-30 t'April 2021 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skont il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset illi fl-udjenza tal-lum l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata zmien biex jerga' jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u kkonferma li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, setghet iggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena idoneja fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in partikolari s-segwenti fatturi u cioe`: (a) In-natura u gravita’ tar-reati addebitati lill-imputat u li ghalihom l-imputat ammetta; (b) L-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u (c) Il-fedina penali ta` l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja li l-Artiklu 202 tal-Kapitolu 9 gie indikat mill-Prosekuzzjoni li tahtu tista’ tinstab htija fl-imputat, il-Qorti wara li rat l-istess Artiklu tqis illi dan ma hux applikabbli ghall-kaz in ezami stante li dan jirreferi “ghad-delitti msemmijin fl-artikoli ta’ qabel dan is-subtitolu” u liema subtitolu jirrigwarda delitti sesswali kontra l-persuna, liema materja ma taqax fil-kaz in ezami stante wkoll li ma nghatat ebda akkuza f’dawn ir-rigward. U konsegwentament ma tistax tinstab htija fl-imputat taht l-istess Artiklu. Izda ghandu jigi kkunsidrat biss bhala aggravju.

L-istess jinghad fir-rigward tal-Artiklu 222(1) tal-Kapitolu 9 li jirreferi ghall-Artikloli 216, 217, 218, 220 u 221 (1) u (2) li

jirreferu  ghal offizi gravi fuq il-persuna. U konsegwentament ma tistax tinstab htija fl-imputat taht l-istess Artiklu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H, 251HA, 339 (1) (d), 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-imputat hati u (1) tikkundannah kumplessivament sena prigunerja effettiva u (2) ai termini ta' l-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ukoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum u (3) ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tohrog Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Maria Dolores Friggieri ghal zmien sena li tibda tiddekorri wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Il-Qorti qeghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Dipartment tal-Probation u Parole.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma esebitx il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

(ft) ***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur